Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0212

L-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk (COM(2025)0581 – C10-0296/2025 – 2025/0581(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2025)0581),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0296/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0160/2026),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-kategoriji l-ġodda tad-dazju tas-sisa stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) .../...0296 jenħtieġ li jiżdiedu mal-livelli gwida dwar l-akkwisti minn individwi privati għall-użu tagħhom stess.
	_____
	[1a] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) .../..., ta' ... dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni) (ĠU L ..., ..., ELI: ...).
	+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2025/0580(CNS) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Il-bidliet fil-livelli gwida jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipju li prodotti fil-kategoriji l-ġodda fl-ambitu tad-Direttiva (UE) .../... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2025/0580(CNS)] iservu bħala alternattivi għal prodotti li

diġà huma soġġetti għal-livelli gwida fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262. Għaldaqstant, il-livelli gwida għal dawk il-katergoriji l-ġodda jenħtieġ li jkunu komparabbli ma' dawk tal-prodotti diġà soġġetti għal-livelli gwida fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262.